*AMMISSJONI*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' April 2002**

**Numru: 37**
**Citaz. numru: 2121/00/RCP**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Wings Cargo Limited, debitur principali, u Joseph Zammit, Christine Zammit, Wings Travel Company Limited u Wings Holdings Limited garanti solidali.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li bih il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Wings Cargo Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' mija u sebat elef, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm107,698.37,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm101,617.99,0 ghal bilanc ta' kont kurrent (Overdraft Account — Current A/c 89294 6124) u l-bilanc ta' Lm6,080.38,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-Istatements hawn annessi Dok. A u B, liema facilita' bankarja giet koncessa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tat-12 ta' Lulju 1995 (Dok. C);

Illi l-konvenuti Joseph Zammit, Christine Zammit, Wings Travel Company Limited u Wings Holdings Limited ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur sal-ammont ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) kif jidher mill-kuntratti fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tat-12 ta' Lulju 1995 (Dok. C) u mill-Guarantee Forms hawn annessi bhala dokumenti D u E;

U illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghal hlas baqghu inadempjenti.

U illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma ta' Lm107,698.37,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda

difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Nicholas Briffa, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X;

L-istess Bank attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta Wings Cargo Limited, debitrici principali thallas lill-istess Bank attur is-somma ta' Lm107,698.37,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

3. Tikkundanna wkoll minnufih lill-konvenuti l-ohra Joseph Zammit, Christine Zammit, Wings Travel Company Limited u Wings Holdings Limited, garanti solidali, solidalment bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Wings Cargo Limited, ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta' Lm50,000.00,0 rapprezentanti l-ammont minnhom garantit u formanti parti mis-somma ta' Lm107,698.37,0 fuq imsemmija u dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mill-1 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti tas-17 ta' April 2002 li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta Wings Cargo Limited, debitrici principali thallas lill-istess Bank attur is-somma ta' Lm107,698.37,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

3. Tikkundanna wkoll minnufih lill-konvenuti l-ohra Joseph Zammit, Christine Zammit, Wings Travel Company Limited u Wings Holdings Limited, garanti solidali, solidalment bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Wings Cargo Limited, ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta' Lm50,000.00,0

rapprezentanti l-ammont minnhom garantit u formanti parti mis-somma ta' Lm107,698.37,0 fuq imsemmija u dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mill-1 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' April, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**17 ta' April, 2002**